MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Numru. 154/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Versus**

**Philip Agius**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Philip Agius ta' 17-il sena iben Alfred u Monica nee Grech imwieled tal-Pieta' fit-23 t'Ottubru 1983 u joqgħod Block B 2 Flat 6 Triq Nerik Sant Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 562483 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl ta' bejn il-21 ta' Lulju u t-22 ta' Lulju 2001 u fl-aħħar erba' xhur qabel din id-data ġewwa l-Qawra u partijiet oħra ta' dawn il-Gżejjer

a) biegħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tieelt Skeda Parti A tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi, sabeix ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) ukoll talli kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regoalment 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;

ċ) ukoll talli fl-istess lok, żmien u ċirksotanzi kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluża l-istqarrija tal-imputat (fol 3), iż-żewġ ordinijiet tal-Avukat Ġenerali, il-fedina penali tal-imputat a fol 7, iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 5624 tal-1983, il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud sabiex jagħmel analiżi tal-esibit NH1 u r-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud.

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Rat ukoll li fis-seduta tat-2 t'April, 2009, l-imputat kien notifikat fl-Awla sabiex jidher fil-25 ta' Mejju 2009 iżda xorta naqas li jidher fid-data msemmija.

6. Rat li l-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

Ikkonsidrat

7. Bejn l-20 u 21 ta' Lulju 2001, waqt li kienu stazzjonati quddiem l-Amazonia, fejn kien hemm party, il-Pulizija raw diversi żgħażagħ javviċinaw żagħżugħ, l-imputat. L-imputat kien innutat jarmi bott tal-films tar-ritratti li kien fih xi pilloli (8) suspettati ecstasy. Fil-but tiegħu nstabet sustanza suspettata reżina tal-cannabis.

8. PC 213 Nicolai Borg xehed li waqt li kienu ġewwa fl-Amazonia hu u PC 642 raw ċerti ġuvintur iduru ma' ġuvni u jitilqu. L-Ispettur Josric Mifsud lis-642 jmorru fuq l-imputat. Dawn qalu lill-imputat li huma pulizija u waqt li kienu qed jeħduh biex jagħmlu tfittxija fuq, l-imputat rema l-bott fl-art. Fil-bott kien hemm tmien pilloli suspettati ecstasy. Fil-kartiera tal-imputat kien hemm ukoll biċċa raża tal-cannabis.

9. PC 642 Joseph Camilleri kkonferma dak li xehed PC 213 Nicolai Borg u xehed li kien hu stess (jiġifieri PC 642 Joseph Camilleri) li kien sab is-sustanza suspetta cannabis fuq l-imputat.

10. Mir-relazzjoni forensika jirriżulta li l-imputat kellu fuq 1.438 grammi THC u 8 pilloli li fihom kellhom is-sustanza MDMA

11. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li kien daħal fl-Amazonia fis-siegħa u kwart ta' filgħodu u ftit wara ħareġ il-bott tal-pilloli. Meta ra s-CID ġejjin fuqu huwa rema l-bott. Il-pilloli kienu tiegħu u kien xtara 40 waħda u ħalals għalihom Lm120. Kien xtara tlitt darbiet.

12. Skond l-istqarrija l-imputat qal:

***'M. Inti qatt biegħet ecstasy?***
***T: Jiena ġieli begħt. Ngħid li minn dan il-grupp ta' 40 li kont xtrajt l-aħħar minn għand X, jien kont begħt madwar 27 u ħamsa ħadthom jien għax dawk li kien hemm ġewwa l-bott kienu l-aħħar tmienja.***

***M: Kemm kont ilek tbiegħ?***

***T: Minn kemm kont ili nixtri minn għand X jiġifieri madwar 4 xhur, ħamsa.***

***M: Bilkemm kont qed tbiegħ l-ecstasy?***
***T: Ngħid li sitt liri kull waħda u ġieli sebgħa. L-aktar li kont inbiegħ kien ġot-Tattingers.***

***M: Instabet ukoll biċċa resin ġewwa l-wallet tiegħek.***
***T: Dik tiegħi ukoll u kont xtrajtha Lm5. Ngħid li kont xtrajtha minn għandu wkoll.'***

13. L-imputat qal ukoll li xtaq jgħin lill-Pulizija kif ukoll li xtaq joħroġ mill-vizzju tad-droga.

14. Wara ħafna assenzi tal-imputat, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li għalqet il-provi tagħha fis-26 t'Ottubru 2006.

15. Kif jirriżulta mill-atti, reġa' kien hemm diversi assenzi oħra tal-imputat u fit-18 ta' Mejju 2007 il-Qorti reġgħet tat ċans ieħor lill-imputat u tniżżel fil-verbal li l-Qorti ser tgħaddi għas-sentenza jekk l-imputat jibqa' ma jressaqx provi jew ma jidhirx. Madankollu l-imputat baqa' ma jidhirx. Meta deher fl-20 ta' Ottubru 2008 il-Qorti tatu ċans ieħor beix iressaq il-provi tiegħu. Minkejja t-twissija l-imputat baqa' ma jidhirx.

16. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ser tgħaddi għall-provi.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

17. L-ewwelnett m'hemm ebda dubju li l-imputat kien fil-pussess kemm tal-ecstasy kif ukoll tal-cannabis għaliex:

(a) Ammetta l-pussess huwa stess;
(b) Inqabad fil-fatt mill-Prosekuzzjoni;
(ċ) In-natura tas-sustanza elevata minn fuq l-imputat kienet forensikament ippruvata li hija jew ecstasy jew cannabis.

18. Għalhekk kemm it-tieni imputazzjoni kif ukoll l-ewwel imputazzjoni huma ippruvati.

19. It-tieni punt huwa dwar l-ewwel imputazzjoni hija dwar traffikar ta' ecstasy fil-lejl indikat u fl-aħħar erba' xhur. Effettivament l-erba' xhur msemmija fl-imputazzjoni huma propju l-erba' xhur msemmija mill-imputat ta' kemm kien ilu jixtri u jbiegħ ecstasy. Oltre dan, il-preżenza ta' 8 pilloli f'party fis-siegħa ta' filgħodu jkompli jsaħħaħ il-prova li l-imputat kien qiegħed ibiegħ l-ecstasy meta nqabad. Hu ħa biss 5 u kien biegħ 27.

20. Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni**

21. Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h) u 37 tal-Kap 9, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985, l-artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 31, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 issib lill-imputat ħati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

22. Dwar il-piena l-Qorti qed tikkonsidra li l-imputat kien għadu għandu tliet xhur taħt it-18-il sena meta wettaq dawn ir-reati u għalhekk japplika l-artikolu 37 tal-Kap 9. Iżda qed tikkonsidra wkoll li ngħata ċ-ċans biex jikkontrolla l-vizzju u l-imputat ma kkopera xejn tant li saru żewġ denunzji u kellu jinġieb quddiem il-Qori b'mandat t'arrest diversi drabi. Oltre dan jirriżulta li fi żmien ftit xhur kien biegħ sew ecstasy.

23. Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għal tmien xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €710, liema multa tista' titħallas b'rata ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti ma titħalalsx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

24. Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw €348.61 (Lm148.98) .

25. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------